MALTA

ATT Nru. XV ta' l-1985

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13.

ACT No. XV of 1985

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Code of Police Laws, Cap. 13.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

15 ta' Ottubru, 1985

ATT Nru. XV ta' l-1985

ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1985 li jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali". Titolu fil-qosor.

2. Minnufih wara l-artikolu 18 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' artikolu ġdid 18A mal-liġi prinċipali.

"Tankijiet eċċ. fuq jew parti minn ħitan. "18A. Ebda persuna ma tista' tibni, iżżomm jew tħalli li jinżamm bħala parti ta' xi ħajt li jikkonfina ma' triq jew jidher minnha jew f'xi area li tidher minn xi triq, xi tank jew oġġett ieħor bħalu jew xi ħaġa oħra li ma tkunx materjal tal-bini b'mod li jitħassar u/jew jitkerraħ l-ambjent.".

3. L-artikolu 314 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 314 tal-liġi prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1A) tiegħu minflok il-kliem "tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 108, ta' l-artikolu 176 jew ta' l-artikolu 209 ta' dan il-Kodiċi" għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' l-artikolu 176 ta' dan il-Kodiċi"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1A) tiegħu għandhom jidħlu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(1AA) Meta persuna tinsab ħatja ta' ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 108 jew ta' l-artikolu 209 ta' dan il-Kodiċi, teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira Maltija iżda mhux iżjed minn mitt lira Maltija, u jekk xi vettura jew bastiment ikun intuża fl-egħmil jew għall-għan ta' l-egħmil tar-reat, il-Qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, tordna l-qbid ta' dik il-vettura jew ta' dak il-bastiment, skond il-każ, għal żmien ta' mhux inqas minn xahrejn iżda mhux iżjed minn sena u, fil-każ ta' vettura, is-sospensjoni għal żmien daqs dak ta' kull liċenza tas-sewqan f'isem min jagħmel ir-reat, matul liema żmien il-vettura jew il-bastiment jibqa' għar-riskju tas-sid:

Iżda meta xi persuna li ma tkunx ħadet sehem fir-reat, ikollha jedd għal dik il-vettura l-qbid ikun ordnat biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li ebda jedd bħal dak ma jkun qed jiġi preġudikat b'dak l-ordni.

(1AB) Meta reat imsemmi fis-subartikolu (1AA) ta' dan l-artikolu jkollu x'jaqsam ma' rimi, il-Qorti għandha wkoll b'żieda ma' kull piena li tista' tiġi mposta skond dan il-Kodiċi, tordna lil min jagħmel ir-reat li jneħħi mill-post fejn ikun sar ir-reat il-materjal kollu, li dwaru jkun instab ħati, fi żmien biżżejjed għal hekk, li jiġi stabbilit mill-Qorti, u li fin-nuqqas ta' tħaris ta' dak l-ordni dak il-materjal jitneħħa għas-spejjeż ta' min jagħmel ir-reat, f'liema każ jista' jiġi mġiegħel iħallas lura l-ispejjeż bħala dejn ċivili.

(1AC) Jekk f'reat li għalih japplika s-subartikolu (1AA) ta' dan l-artikolu min jagħmel ir-reat jarmi żibel, rimi, skart jew likwidu ta' dak id-daqs jew f'dik il-kwantità jew ta' dak il-kumulu, li, meta tqisu waħdu, ikun biżżejjed biex iwassal biex jikrieh u/jew jitħassar xi post fil-beraħ jew ta' xi parti mill-baħar mal-kosta, dan jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn ħames mitt lira Maltija iżda ta' mhux iżjed minn elf lira Maltija u meta xi vettura jew bastiment ikun intuża fl-egħmil tar-reat jew għall-għan ta' l-egħmil tar-reat id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1AA) ta' dan l-artikolu dwar qbid u sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan għandhom japplikaw.

(1AD) Jekk min jagħmel ir-reat ma jkunx is-sid tal-vettura jew tal-bastiment kif imsemmi fis-subartikolu (1AA) jew (1AC) ta' dan l-artikolu iżda jkun aġixxa taħt l-istruzzjonijiet jew bit-tagħrif ta' dak is-sid jew meta dak is-sid setgħa jevita l-egħmil tar-reat u ma għamilx hekk, is-sid jeħel, meta jinsab ħati, l-istess piena stabbilita fis-subartikoli (1AA) u (1AC) ta' dan l-artikolu, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1AB) ta' dan l-artikolu jkunu applikabbli għas-sid tal-vettura jew tal-bastiment.

(1AE) Jekk ikun jidher miċ-ċirkostanzi li fihom jinstab xi materjal mormi kontra l-liġi, min kien is-sid jew il-persuna l-oħra responsabbli għal dak il-materjal minnufih qabel ir-rimi tiegħu, dak is-sid jew dik il-persuna għandha titqies li tkun iddepożitat dak il-materjal u tista' teħel il-piena stabbilita fis-

subartikoli (1AA) u (1AC) ta' dan l-artikolu u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1AB) ta' dan l-artikolu japplikaw għaliha, kemm-il darba ma tippruvax li dak ir-reat ma kenitx taf bih, jew għalkemm kienet taf bih ma setgħatx timpedih milli jsir.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 279 tad-9 ta' Ottubru, 1985.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati